# Il-Missjoni tad-Driegħ fl-Awstralja

**6 TA' LULJU - 7 TA' AWWISSU 1964**

**Mons. Pawlu Attard Ex-arċipriet**

*"L-EBDA NAZZJON, MA ĦASBET BIEX TORGANIZZA MISSJONI BĦAL DIN, KIF GĦAMLET IL-KNISJA TA' MALTA. AĦNA KUNTENTI ĦAFNA BL-EMIGRANTI MALTIN U BIL-QASSISIN TAGĦHOM. IL-MALTIN HUMA KATTOLIĊI TAJBIN."*

KARD. GILROY, ARĊISQOF TA' SYDNEY

ĦAMSA U GĦOXRIN SENA ilu, Dun Philip Calleja, Direttur tal-Kummissjoni Emigranti tal-Azzjoni Kattolika, jiena li kont Arċipriet tar-Rabat, il-Kan. Vicens Galea, il-Kan. Dun Vicens Azzopardi u il-Kan. Dun Pawl Camilleri, tlaqna bl-ajruplan "City of Melbourne" lejn l-Awstralja, biex jagħmlu Missjoni fost ħutna l-Maltin. Dun Philip Calleja kien is-Superjur tal-Missjoni, kif ukoll l-ideatur u l-organizzatur.

Fuq talba ta' l-Arċisqof Mikiel Gonżi il-Kapitlu tal-Kolleġġjata tagħna, aċċetta bil-qalb li jħalli ir-Relikwija insinji u prezzjuża tad-Driegħ ta' San Pawl, li takkumpanja l-Missjoni. Kien sogru kbir li tħalli relikwija bħal dik tiġerra ma l-Awstralja kollha. Iżda li-Kapitlu deherlu, li l-ġid spiritwali kien wisq akbar mis-sogru. Aħna ħadna l-prekawzjonijiet kollha biex ir-Relikwija ma tiġrilhiex ħsara waqt il-ġarr. Ġiet marbuta sewwa ma pedestall biex ma taċċaqlaqx u mqiegħda f'kaxxa tal-aluminju u tal-asbestos, biex tkun protetta kemm minn nar kemm mill-għarqa. Il-Kaxxa ġiet maħduma fit-Technical School taħt id-direzzjoni ta' Ġużeppi Micallef. Ġiet inxurjata ukoll għal 5,000 lira. Ħadna magħna kwantita kbira ta' boroż żgħar bit-trab tal-ġebel tal-grotta u eluf ta fuljetti bir-ritratti ta' l-istatwa ta' San Pawl tal-Grotta u ta' San Pawl taz-zuntier qiegħed jipprietka, kif ukoll tar-Relikwija u l-istorja tagħha. Kien fiha ukoll silta mil-Atti ta' l-Appostli fejn tixhed il-konversjoni ta' Malta u l-ismijiet tal-Missjonarji.



*L-Arċisqof Gonzi, il-Ministru Pawlu Borg Olivier u nies oħra li marru jaraw it-tluq tad-Driegħ fl-ajruport.*

Il-poplu Rabti, devot kbir ta' San Pawl, ried iwassal ir-Relikwija sal-airport b'dimostrazzjoni kbira. Il-Kumitat tal-Festi Esterni ħa ħsieb iżejjen truck bid-damask, palm, fjuri u lanterni, biex fuqu tinġarr ir-Relikwija. Għandni nara lil Piju Scerri, lil Charles Fenech, lil Pawlu Farrugia u lil Toni Cilia, il-ġurnata kollha jitħabtu. It-truck li kien misjuq minn Piju Scerri, kellu n-numru 1348. propjetà ta' Karmnu Abela (il-Fajsu.)

Fis-6.00 p.m., il-Kapitlu, il-Kleru u l-poplu, akkumpanjaw lir-Relikwija, bi processjoni li għaddiet minn Main Street sas-Saqqajja. Imbagħad kullħadd rikeb il-karozzi jew il-muturi tiegħu. Għaddejna minn Ħaż-żebbuġ, Ħal Qormi u Ħal-Luqa. Kullħadd ħareġ biex isellem ir-Relikwija, indaqqu l-qniepen tal-knisja u l-Kappillani offrew bukkett fjuri. Kif wasalna l-airport, ġejna milqugħin mill-Arċisqof Gonżi, mill-Ministru Pawlu Borg Olivier u Mr. W. Hendy, Migration Officer Awstraljan, is-sur George Zarb tal B.E.A. u mis-Sur J. Curmi, l-Airport Manager. Kif l-emigranti telgħu fuq l-arjuplan, il-Kan G. Fabre ħa ir-Relikwija f'idejh u mxejna ilkoll warajh sa ħdejn l-arjuplan. imbagħad jien bħala Arċipriet ħadt ir-Relikwija f'idejja u tlajt bija fuq l-arjuplan, segwit mill-Arċisqof u l-Ministru Borg Olivier. Il-Ministru sellem lill-emigranti u l-Arċisqof bierek lil kullħadd u tana il-vjaġġ it-tajjeb. Kif u fejn ħadmet il-Missjoni, il-ġid spiritwali li sar u il-kontribut li tat il-presenza tar-Relikwija, huma deskritti f'dawn iż-żewġ ittri, mibgħutin lill-Arċisqof Mons M. Gonzi, minn fuq il-Vapur "FLAVIA".



*Id-Driegħ mirakoluż kif ġie armat għall- missjoni fl-Awstralja.*
*Tidher il-'base' li nħadem apposta.*

suġġett iktar minn darba.

Fejn ma hemmx stazzjon tat-TV, ħadem ir-Radio.

Din il-propaganda qawwija interessat mhux biss lill-Kattoliċi, Awstraljani li ħafna drabi inġarbu bl-eluf jivveneraw ir-Relikwja, iżda anki lill-protestanti. Klassiċi huma l-eżempji tat-tliet ministri protestanti li ħadu ritratt mar-Relikwja f'Perth u tat-tlieta l-oħra, immexxijin mill-Arċidjaknu tal-High Church li talbu quddiem ir-Relikwja għall-unità tal-Knejjes. F'Warrawing rajna protestanti li vvjaġġaw fuq 200 mil biex jivveneraw ir-relikwja. Naturalment, id-djarju ma jidħolx f'ċerti dettalji. Iżda nagħmel tajjeb nirrilieva: (a) li fil-waqt li l-funzjonijiet aktarx li nżammu fil-għaxija, il-missjunarji kienu dejjem okkupati, għaddejjin minn dar għall oħra fuq visitations bir-relikwja. Fejn ir-Relikwja kienet esposta, il-missjunarji kienu okkupati jippriedkaw u jorganiżżaw it-talb by turn; (b)li fil-visti fl-isptarijiet, ir-relikxja kienet l-oġġett ta' venerazzjoni għal bosta protestanti.

Kif dejjem xtaqt jien, ir-Relikwja ma kenitx għajr strument fil-missjoni tagħna. L-oġġett tagħna kien li nsejħu għat tiġdid tal-ħajja tal-Grazzja lill-Maltin bierda u mbegħda.

Inħossuna verament grati lejn Alla l-Imbierek, li għana bil-grazzja Tiegħu din il-missjoni.

Għaliex matul din il-missjoni saru mirakli kbar.

Alla waħdu biss jaf il-ġid kbir li ħalliet din il-missjoni.

Il-missjoni tagħna ma kenitx missjoni bħall-oħrajn. Barra li offriet okkażjoni lil ħafna biex iserrħu l-kuxjenza tagħhom kellha żewġ effetti oħra: (a) dak li tat l-opportunità lil dawk li għamlu mis-saċerdot Malti ħabib, u allura jistħu jqerru għandu, javviċinaw lilna; (b)is-sentiment nazzjonali tagħna fir-rabtiet tiegħu ma' San Pawl u l-idea sabiħa tagħna li niffesteġġjaw il-Qaddisin tagħna billi nirċievu s-Sagramenti.

Dan il-ġid kollu seta' jsir bil-ħila tas-saċerdoti qalbiena li għandna jaħdmu fost l-emigrati tagħna u li fasslulna programm għall kull fejn morna taħt dawn l-oganiżżaturi: Fr. Michael Camilleri (Sydney);



Il-Kan. Dun Pawl Camilleri, il-Kan. Dun Viċenz Azzopardi, *l-Arċipriet Attard*, il-Kan. Viċenz Galea u Dun Philip Calleja.

Fr. John Grech (Wollongong); Fr. Publius Cassar (Canberra); Fr. Giles Ferriġġi (Adelaide); Fr. Francis Muscat (Broken Hill); Fr. Henry Cassano (Perth); Fr. H. Galea (Melbourne); Fr. Francis Xavier Schembri (Newborough); Fr. Carmel Micallef (Brisbane); Fr. Raphael Vella (Mackay) u Fr. John Camilleri (Innisfail).

Għall-ikbar sodisfazzjon tal-Knisja ta' Malta li Inti għandek l-unur tmexxi, inħoss li għandi nżid nissottomenti:

1. Li l-Isqfijiet kollha stqarru li ħadd mill-emigranti li jidħlu fl-Awstralja ma jippreserva l-ħajja Kattolika b'osservanza regolari bħal ma jgħixu l-Maltin;

2. Li s-Saċerdoti Maltin igawdu l-ikbar rispett mill-Ordinarji tagħhom;

3. Li bosta huma l-vokazzjonijiet saċerdottali u reliġużi l jinbtu mill-familji Maltin;

4. Li ta' min ifaħħar lis-Soċjetà tal-Mużew li bis-sagrifiċċju personali ta' żgħażagħ qalbiena l-lum għandna oqsma fi Broadway, Toongabbie u Paddington, N.S.W.; West Melbourne, North Sunshine, Victoria; Adelaide u Tasmania.

Inħossu dover tiegħi, fl-aħħarnett, nagħti kull tifħir lil sħabi missjunari għall-kwalitajiet tajba li wrew matul din il-missjoni, għas sens ta' komprensjoni u għall-ispirtu ta' sagrifiċċju (kulltant anki finanzjarju), li kellhom iġarrbu.

Inwassallek it-tisljiet ta' kull Ordinarju li ltqajna miegħu, tas-saċerdoti kollha Maltin u ta' bosta Maltin li għadhom jiftakkru il-miġja Tiegħek fl-Awstrajja fl-1953.

Il-Wisq Rev. di Kanoniċi Dun Pawl Attard, Dun Viċenz Azzopardi, Dun vicenz Galea, Dun Pawl Camilleri u jien noffrulek umilment ir-rispett tagħna.

Filwaqt li nitlob il-Barka Pastorali Tiegħek fuqi u fuq sħabi,

Ngħodd ruħi serv umli Tiegħek,

**Dun PHILIP CALLEJA.**

24 ta' Awissu, 1964.

Lill-E.T. Mons. M. Gonzi,
Arċisqof Metropolita,
Valetta - Malta.

Eċċellenza Reverendissima,

Ma mistax infissirlek kemm kien feliċi l-ħsieb tal-Opri ta' l-Emigrazzjoni li tieħu r-Relikwja tad-Driegħ ta' San Pawl fl-Awstralja u tagħmel missjoni għal ħutna emigrati.

Issa li ntemmet il-missjoni u rajna l-frott kbir spiritwali li sar, jiena u l-Kapitlu tal-Parroċċa tiegħi nħossuna wisq kburin li lqajna l-istedina Tiegħek biex nibagħtu l-Awstralja r-Relikwja tad-Driegħ ta' San Pawl, miżmuma b'għożża kbira fis-Santwarju tal-Grotta u li kienet għadha qatt ma ħarġet mill-Gżira tagħna.

Ir-Relikwja kienet iċ-ċentru ta' attrazzjoni kull fejn saret il-Missjoni. Di fatti kull fejn esponejniha, il-knejjes kienu jkunu maħnuqa bil-Maltin bħal qatt qabel. Il-preżenza ta' San Pawl u l-Kelma t'Alla bil-Malti ġibdu numru kbir ta' Maltin, li ħassew il-fidi terġa' tixgħel fi qlubhom. Id-dmugħ li ġelben fuq ħadejhom, il-kliem sabiħ li qalu lilna, l-missjunarji u l-mirakli tal-grazzja li saru, juru li r-rabta bejn San Pawl u l-Maltin għadha sħiħa.

Ħutna l-Maltin emigranti ħassewhom wisq onorati li ġibnilhom l-iktar ħaġa għażiża li għandna Malta u apprezzaw ħafna l-interess



*Id-Driegħ lura Malta fuq il-Fossos. tal-Furjana.*

li l-Knisja għandha fihom, avolja telqu minn art twelidhom u jinsabu eluf ta' mili bogħod. Dan ħassu anki l-Kardinal Gilroy, li wara li qagħad għar-kubbtejh jitlob quddiem ir-Relikwja, qalilna li "ebda nazzjon ma ħasbet fl-emigranti tagħha bħal ma ħasbet il-Knisja ta' Malta." Jidhirli li kliem bħal dan minn fomm il-Primat ta' l-Awstralja hu mhux biss l-isbaħ ċertificat għall-Knisja ta' Malta, iżda hu wkoll waħda mill-isbaħ paġni fl-istorja ta' l-emigrazzjoni Maltija.

Nixtieq nigħdlek ukoll, li l-interess li ħadu l-Awstraljani fir-Relikwja ma kienx inqas minn dak tal-Maltin. Ibda mill-Isqfijiet u spiċċa fit-tfal ta' L-iskola. Trid tara b'liema ħeġġa kienu jbusuha. Aħna ma stajniex nieħdu r-Relikwja kull fejn talbuna, għaliex ma kellniex żmien. Iżda għamilna sagrifiċċju u ħadniha kull fejn kien possibli: seminarji, kunventi, skejjel, sptarijiet, orfanatrofji u anki xi morda fi djar privati.

L-isqfijiet kollha rringrazzjawna pubblikament talli ġibna f'pajjiżhom, din ir-Relikwja tad-Driegħ ta' San Pawl.

Meta wieħed jara l-ġid spiritwali li sar fost il-Kattoliċi, Maltin u Awstraljani, u l-interess li ħadu l-protestanti, tara kemm kien floku l-kliem ta l-Ilsqof ta' Perth, li qal li hu jikkonsidra l-"Miġja tad-Driegħ ta' San Pawl fl-Awstralja, vjaġġ ieħor missjunarju ta' l-Appostlu tal-Ġnus."

Ċertament, li kieku San Pawl kien jgħix fi żmienna, l-okkażjoni li jmur l-Awstralja kien jaħtafha minnufih. Dan, flimkien ma' l-imħabba tagħna lejn ħutna emigrati, kien il-motiv prinċipali li lilna, Kapitlu, Kleru u poplu tal-Paroċċa ta' San Pawl tar-Rabat, ġagħalna niddeċiedu unanimament u bil-ferħa li nibagħtu r-Relikwja tad-Driegħ ta' San Pawl fl-Awstralja, akkost ta' kull periklu u ta' kull sagrifiċċju. U dan li għamilna ma' ħutna ta' l-Awstralja, lesti biex inkomplu nagħmluh, kif diġà wegħdniek, ma ħutna tal-Kanada, Amerika u l-Ingilterra.

Waqt li nwassallek it-tislijiet tiegħi, tad-Deputat sieħbi tal-Kapitlu il-Kan. Dun Viċenz Galea, fllimkien ma' tal-missjunarji l-oħra, Dun Philip Calleja, il-Kan. Dun Viċenz Galea Azzopardi u l-Kan. Dun Pawl Camilleri.

Nitolbok tberikni

Serv umli Tiegħek,

**Can. P. ATTARD,**
Arċipriet.

Aħna tlaqna mill-Awatralja għar-Ruma fis 7 t'Awwisu mal-vapur Taljan "FLAVIA". Fost ir-Rabtin li ġew isselmulna qabel tlaqna, kien hemm żewġ xebbiet ulied John Cammilleri li kien bandist mal-Konti Ruġġieru. Meta konna SYDNEY, kien stieden lili u lil Dun Vicens Galea id-dar tagħhom.

Fuq il-vapur, għall-ewwel granet qagħadna bis-suttana, biex il-passiġġieri jkunu jafu li aħna saċerdoti kattoliċi. Kienu jfittxuna mhux biss il-kattoliċi, imma anke min ma kienx jippratika xi reliġjon. Kienu jridu nkellmuhom fuq Alla. Kienu stednuna wkoll nidħru fuq it-television tal-vapur u nuru ir-Relikwija u nidħaddtu fuqha, fuq il-konversjoni ta' Malta u fuq il-Missjoni tagħna.

Meta wasalna Ruma, ir-Relikwija ġiet miżmuma kemm fil Casa Ġenerali tal-Pawlini u kemm fil-Bażilka ta' San Paolo Fuor Le Mura. Hawnhekk il-Patrijiet Benedittini, gew jilqgħuna fil-bieb tal-Bażilika u tlajna proċessjonalment sa fuq l-altar.

Fid 9 ta' Settembru, kellna biex ngħid hekk, l-Inkoronazzjoni tal-Missjon tagħna. Kellna. Kellna udjenza mall-Q.T. il-Papa Pawlu VI. Il-Papa laqgħana b-imħabba l-aktar kbira. U xhin urejnih ir-Relikwija ta' San Pawl qalilna "Jiena wkoll jisimni Pawlu; jiena wkoll irrid inus ir-Relikwija ta' San Pawl" wara li tajnih tagħrif fuq il-Missjoni tagħna fl-Awstralja, ġibidni lejh minn idejja u qalilna: "Lil Malta u lil Maltin nagħti Barka Speċjalissima."

Fit-13 ta' Settembru, wassalna Malta fis-6.00 a.m. mal-vapur "Ċitta di Tunisi". Ir-Relikwija ħadniha privatament fil-knisja ta' San Publiju u fil-għaxija inżilna għaliha biex intellgħuha trijonalment ir-Rabat. Qabel tlaqna, Arċipriet Dun Karm Xuereb, għamel kelmtejn għall-okkażjoni fejn qal li kien ta' gost u ta unur għalih, li laqa' lil San Pawl fid-Dar ta' San Publiju.

Imbagħad, tlaqna bir-Relikwija, lejn ir-Rabat segwita minn ħafna karozzi. Għaddejna fost l-entużjażmu tal-poplu, mil-Hamrun, S. Venera, Birkirkara, Balzan u Ħ'Attard. Is-Saqqajja kienet mimlija nies bix-xemgħa f'idejhom u d-djar imdawlin bin nar iħeġġeġ tal-fjakkli. Imbgħad kullħadd akkompanja ir-Relikwija bil-kant ferrieħi ta' l-innu ta' San Pawl, sal-pjazza ta' quddiem il-Knisja Kolleġġjata, fejn saret quddiesa u omelija kommoventi ħafna mill-Arċipriet, li spiċċa bil-kelmiet ta' Mons. Myles, Isqof ta' Perth. "F' DIN IL-MISSJONI BIR-RELIKWIJA TA' SAN PAWL, JIENA NARA MISSJONI OĦRA TA' SAN PAWL FIL-KONTINENT TA' L-AWSTRALJA" Nistqarru li din il-Missjoni, bid-Driegħ ta' San Pawl, fost l-Emigranti Maltin fl-Awstralja, kienet ta' ġieħ kbir għall-Knisja ta' Malta, għal-Kummissjoni Emigranti ta' l-Azzjoni Kattolika għall-Kapitlu tal-Kolleġġjata tagħna, għall-istess Missjunarji u għas-Saċerdot Maltin li qed jaħdmu fost ħuthom l-emigranti fl-Awstralja.

24 ta' Awissu, 1964.
Lill-E.T. Mons. Mikiel Gonzi,
Arċisqof Metropolita,
Malta.

Eċċellenza Reverendissima,

Qiegħed nissottomettilek (a) djarju ta' l-attività mwettqa mill-Missjoni bir-Relikwja tad-Driegħ ta' l-Appostlu Missierna San Pawl għal ħutna emigrati fl-Awstralja flimkien ma' (b) ir-rapport finanzjarju tal-ġbir u l-ispejjeż li saru matul din l-istess missjoni.

Il-missjoni ġriet mas-sitt kapitli ta' l-Awstralja, Sydney, Canberra, Adelaide, Perth, Melbourne, u Brisbane, u fid-djoċesijiet ta' Wollongong (Warrawong), Sale (Newborough), Wilcannia – Forbes (Broken Hill), Rockhampton (Mackay) u Cairns (Innisfail).

Il-missjoni ħadet żewgt għamliet: jew (a)qrar, quddiesa bi prietka fis-suburbs b'funzjoni konklusiva fil-kattidral, hekk p.e saru ħmistax-il missjoni fis-suburbs ta' Sydney, Smithfield, Matraville, Redfern, Balmain, Enmore, Leichhardt, Darlinghurst, Surry Hills, Blacktown, Quaker's Hill, Hosley Park, Toongabbie. Mascot, Pendle Hill u Merrylands, b'funzjoni ta' konklużjoni fil-kattidral ta' St. Mary's, fejn inġabru madwar 5,000; jew (b) tliet ijiem ta' eżerċizzi spiritwali b'funzjoni ta' konklużjoni quddiem ir-Relikwja, hekk p.e. sar f'Adelaide, Newborough u Broken Hill. Kull missjoni ġiet onorata b'Quddiesa, kantata jew letta, quddiem ir-Relikwja, mill-istess Ordinarju: Kard. Gilroy l-Arċisqfijiet O'Brien, Beovich, Simonds. u l-Isqfijiet McCabe, Mackeon pro Prendville, Fox (Melb.) Lyons, u l-Vigarji Ġenerali Holony għall-Arċisqof Duhig u Hullins għall-isqof Cahill. L-Ordinarji kollha ħadu l-opportunità sabiex wara l-Quddiesa jirringrazzjaw lill-Knisja ta' Malta għall-interess li tieħu fl-emigranti tagħha u għat-teżor kbir li bagħtet fl-Awstralja. Huma awguraw li l-Missjoni jkollha suċċess mhux biss fost il-Maltin, iżda anki fost l-istess Awstraljani.

Il-Maltin urew l-ikbar interess fil-vista tar-Relikwja. Dan jidher ċar mil-laqgħat li saru fl-airports, mill-attendenza għall-missjonijiet u mill-parteċipazzjoni tagħhom fil-laqgħat ta' konklużjoni, li tista tgħid kienu dejjem record crowds.

Il- Knisja Kattolica Awstraljana tat l-ikbar importanza lill-miġja tar-Relikwja. Il-poster tal-Catholic Weekly, imwaħħal mal-knejjes kollha ta' Sydney, ħabbar: "Famed relic in Australia next week," filwaqt li l-ġurnali kattoliċi kollha: Catholic Leader (Brisbane), Record (Perth), Advocate (Melbourne), The Advertiser (Adelaide) ħabbru l-miġja u ġiebu fotografiji tar-reliwkja fl-ewwel faċċata. Rapporti ta' interess fil-miġja tar-Relikwja dehru mhux biss fil-gazzetti Kattoliċi, imma anki fil-ġurnali profani: The Sydney Morning Herald, Daily Telegraph, The Sun, The Caberra Times, The West Australian, The Daily Mercury, Barrier Daily Truth, The Courrier-Nail. South Coast Times, Daily Mercury, the Cairns Post.

Ma naqsux it-Television u r-radio. Tista' tgħid li kull fejn waslet ir-relikwja bdew jiġru l-cameras tat-TV (Channels 2, 7 u 9). Kienet verament ħaġa eċċezzjonali għal ċerti ġurnali u TV Services li jitkellmu mill-istess

